MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 490/2016/1 LM

**GO p.l.c. (C22334)**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Valeria Jobst (K.I. numru 839957M)**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà attriċi **GO p.l.c.** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mid-deċiżjoni mogħtija fit-18 ta' Jannar, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet

Żgħar [minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad it-talbiet tagħha, filwaqt li laqa’ l-eċċeżżjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta **Valeria Jobst** [minn issa ’l quddiem “l-appellata”], bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà appellanta.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta’ din il-kawża jirrigwardaw pretensjoni tal-ħlas magħmula mis-soċjetà appellanta għas-somma komplessiva ta’ €815.81 (tmien mija u ħmistax-il Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu) li allegatament tirrappreżenta servizzi li ngħataw lill-appellata bejn id-19 ta’ Awwissu, 2011, u t-2 ta’ April, 2014, fuq il-kont numru AC50922955.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellanta istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta’ Avviż fis-26 ta’ Ottubru, 2016, għall-ħlas tas-somma pretiża, u dan flimkien mal-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 1334/14 tal-25 ta’ Ġunju, 2014, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-preżentata tal-istess ittra.

4. L-appellata laqgħet għat-talba tas-soċjetà appellanta billi fl-ewwel lok eċċepiet il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2148 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u wkoll *ai termini* tal-paragrafu (f) tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, u dan fir-rigward tal-ammonti reklamati li jirriżultaw dovuti minn qabel il-11 ta’ Novembru, 2011.

**Is-Deċiżjoni Apellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra:*

*Preliminarjament dan it-Tribunal jirrileva li huwa tal-mistħija kif ir-Reġistratur aċċetta r-risposta tal-konvenuta mingħajr indirizz fiss f'Malta. U la s-soċjetà ma resqet ebda eċċezzjoni dwar dan il-fatt u l-fatt li r-risposta ġiet preżentata mill-konvenuta meta hija ma tirrisjedix f'Malta u meta hija ma kienetx preżenti f'Malta jew minn mandatarju tagħha, u meta dan huwa tassativament rikjest fil-liġi tal-proċedura tagħha ċioé l-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Difatti kif issollevat il-Qorti tal-Appell per Prim Imħ Silvio Camilleri fil-kawża* ***Carmelo Castilli noe vs Focal Maritime Services Limited deċiża fuq dan il-punt fit-03 ta' Frar, 2012****: "*Il-liġi trid ukoll li min jiftaħ jew jiddefendi kawża jrid ikun preżenti f'Malta tal-anqas waqt is-smigħ tal-każ u f'każ ta' persuna assenti jkollhom jinħatru kuraturi kif jiddisponi l-Artikolu 929 tal-Kodiċi *ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili." L-istess Qorti kkwotat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri* ***Commonwealth Educational Society Ltd vs Camilleri*** *deċiża fit-02 ta' Ġunju, 2003 li kienet ukoll osservat li kawża istitwita minn soċjetà estera hija nulla jekk din ma jkollhiex rappreżentanza lokali. Illi dan it-Tribunal ma għandux kompetenza jissolleva din l-eċċezzjoni* ex officio *u għalhekk jieqaf hemm fir-rigward.*

*Rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, hija qed tibbaża din l-eċċezzjoni fuq l-Artikolu 2148 tal-Kap 12 u tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta.*

*Jiġi rilevat li l-Artikolu 2148 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jeżistix u għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni a bażi ta' dan l-Artikolu. Veru li fit-trattazzjoni l-avukat tal-konvenuta indika li l-Kap kellu jkun Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta iżda ma talab ebda korrezzjoni fir-risposta u għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jieħu konjizzjoni tal-istess u l-eċċezzjoni* ai termini *ta' dan l-Artikolu qed tiġi miċħuda.*

*Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni* ai termini *tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta dan it-Tribunal jissolleva dan li ġej:*

*Li din hija preskrizzjoni ta' ħames snin.*

*Li l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 jistabbilixxi li l-perijodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri ħlief minn dakinhar, li l-azzjoni relattiva tkun tista tiġi eżerċitata (ara Laurent Diritto Civile Vol. 22 para. 16). Għalhekk il-Qorti trid tara meta twieldet l-azzjoni attriċi. Vide* ***Schembri Helen et vs Zahra Anthony George noe*** *deċiż 29/04/05 Prim Awla per GV attached).*

*Għal finijiet tal-Artikolu 2137, iż-żmien fih l-azzjoni għandha tinbeda tiddependi minn ċirkostanzi oġġettivi u mhux minn x'jaħseb l-imġarrab u li ċertament in-nuqqas ta' għarfien tal-liġi mhuwiex raġuni valida biex jingħad li l-azzjoni ma setgħetx issir qabel (JRM 1/4/03 Grech John vs Mifsud Ivan)*

*L-aħħar pagament mill-konvenuta sar fis-07 ta' Awwissu, 2011 u l-konvenuta tikkontendi li t-termini tal-preskrizzjoni beda jiddekorri minn dakinhar filwaqt li s-soċjetà attriċi tikkontendi li t-terminu beda jiddekorri mit-02 ta' Ottubru, 2011 meta l-konvenuta ffirmat it-*termination forms.

*L-Avviż tat-Talba ġie preżentat fis-26 ta' Ottubru, 2016 u n-notifika saret fil-11 ta' Novembru, 2016 fl-indirizz ta' oħt il-konvenuta meta l-konvenuta ma kienetx preżenti f'Malta. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2018 deher l-avukat tal-konvenuta li nforma lit-Tribunal li teżisti l-possibilità ta' tranżazzjoni. Illi għalhekk ġaladarba l-konvenuta aċċettat l-atti li rċeviet oħtha u dan tgħidu hija stess fl-*affidavit *tagħha. Kif intqal fis-sentenza tal-Appell per Prim Imħ De Gaetano fil-kawża fl-ismijiet:* ***Perit Joseph Sultana vs Gaerty Ronald*** *tal-01 ta' April, 2005 meta ssir l-azzjoni nnifisha l-preżentata tal-att ġudizzjarju nnifsu jinterrompi l-preskrizzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' notifika. Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jieħu d-data tas-26 ta' Ottubru, 2016 id-data ta' meta l-konvenuta ġiet debitament notifikata.*

*Illi l-kontijiet jirrigwardaw il-perijodu mill-01 ta' Awwissu, 2010 sas-17 ta' Awwissu, 2011 (fol 4 et).*

*L-ittra uffiċjali ma jirriżultax li ġiet notifikata lil konvenuta u għalhekk il-preskrizzjoni ma ġietx interrotta u dan kif stabbilit f'diversi sentenzi fosthom dik hawn fuq ċitata* ***Perit Joseph Sultana vs Gaerty Ronald*** *fejn il-Qorti rriteniet li ittra uffiċjali teħtieġ li tiġi notifikata sabiex isseħħ interuzzjoni tal-preskrizzjoni."*

## Ir-Rikors tal-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-7 ta' Frar, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata,

billi tilqa' t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż kontra l-appellata. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bis-sentenza tat-Tribunal għaliex (a) l-appellata kienet irrinunzjat għall-preskrizzjoni; (b) it-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-prospett kollu esebit mill-istess soċjetà appellanta.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellata min-naħa tagħha tilqa' billi ssostni li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata stante li hija waħda ġusta, u dan kif tispjega fir-risposta tagħha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

9. Is-soċjetà appellanta tispjega l-ewwel aggravju tagħha billi tagħmel riferiment għall-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tissottometti li l-appellata kienet saħansitra marret oltre dak rikjest minn dan l-artikolu. L-appellata ammettiet li ma kien sar l-ebda ħlas wara Awwissu tas-sena 2011, iżda kompliet tispjega li dan stante li hija ma kinitx kompliet tagħmel użu mis-servizzi ta' GO. Ir-raġuni tagħha ġiet kontradetta mix-xhieda tas-soċjetà appellanta fejn intwera li minn Awwissu tas-sena 2011 sal-1 ta' Awwissu, 2014, l-appellata kienet baqgħet tagħmel użu mis-servizzi li hija stess għażlet li

żżomm attiv sabiex tevita l-ħlas ta' penali għat-terminazzjoni. Is-soċjetà appellanta hawnhekk tagħmel riferiment partikolari għax-xhieda ta' Christian Fenech tat-18 ta' Mejju, 2018. Is-sottomissjonijiet fir-rigward tat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta jsegwu minn dawk diġà magħmula dwar l-ewwel aggravju, għaliex hawnhekk tirrileva li t-Tribunal ikkonsidra ammonti dovuta għal perijodu preċedenti għal dak fejn l-imsemmija soċjetà appellanta qiegħda tippretendi li ma sar l-ebda ħlas min-naħa tal-appellata. Għalhekk filwaqt li t-Tribunal ikkonsidra l-perijodu bejn 01.08.10 sa 17.08.11, l-ilment tagħha kien fir-rigward tal-perijodu bejn 19.08.11 sa 01.08.14 fejn il-preskrizzjoni ta' ħames snin ma kinetx applikabbli.

10. Min-naħa tagħha l-appellata qabel ma tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju, tilqa' billi tgħid li l-appell huwa wieħed irritu u null inkwantu dan huwa bbażat fuq il-para. (d) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380, b'dana li fil-każ odjern is-soċjetà appellanta kienet naqset milli tindika taħt liema provvediment tal-liġi hija kienet qiegħda tagħmel l-appell tagħha. Tirrikonoxxi li l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta jittratta kwistjoni ta' preskrizzjoni li tinkwadra ruħha taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu 8(2), iżda l-appell tagħha kien imur ferm oltre u fit-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta kien saħansitra qed jitlob l-apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għal din ir-raġuni l-appellata qiegħda tikkontendi li fl-eventwalità li din il-Qorti jogħġobha ma tilqax l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell, hija għandha tieħu biss konjizzjoni tal-ewwel aggravju dwar il-kwistjoni ta' preskrizzjoni. Dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, l-appellanta tissottometti li fir-risposta tagħha fejn hija eċċepiet il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar *ai termini* tal-

artikolu 2148, hija kienet erronejament għamlet riferiment għall-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta minflok il-Kap. 16. Kemm il-kontroparti, kif ukoll it-Tribunal ma rrilevaw l-ebda oġġezzjoni fir-rigward, b'dana li t-Tribunal min-naħa tiegħu kien naqas milli jieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni u għalhekk l-appellata kienet qiegħda tqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16. L-appellata tosserva li l-interruzzjoni tal-perijodu ta' preskrizzjoni kien seħħ biss permezz tal-preżentazzjoni tal-avviż tat-talba tas-26 ta' Ottubru, 2016. Irrilevat li ma kien hemm l-ebda kont eżistenti u għalhekk iż-żmien tal-preskrizzjoni għandu jibda jiddekorri minn kull fattura relattiva u tgħid li l-aħħar fattura kienet tat-2 ta' April, 2014, jiġifieri iktar minn tletin xahar qabel il-preżentata tal-kawża odjerna u b'hekk it-talba kienet preskritta. Imbagħad għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, l-appellata tissottometti li kuntrarjament għal dak li qiegħda tikkontendi s-soċjetà appellanta, hija kienet segwit id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 2160(1) tal-Kap. 16 u ddikjarat bil-ġurament tagħha li mhijiex debitriċi tagħha għaliex ma kinitx klijenta tagħha. Tilqa' għat-tieni aggravju billi tirrileva li hawnhekk is-soċjetà appellanta qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevedi l-provi stante li t-Tribunal ma kienx għamel apprezzament tajjeb tagħhom. Għal darb'oħra ssostni li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud *ai termini* tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380 u tagħmel diversi riferimenti għall-każistika in sostenn tal-argument tagħha. Tissottometti li kuntrarjament għal dak li kien qed jiġi rilevat mis-soċjetà appellanta, it-Tribunal kien ħa konjizzjoni tal-prospett kollu, iżda kif sewwa ddeċieda, għall-fini ta' preskrizzjoni ma kelliex tittieħed inkonsiderazzjoni d-data tal-aħħar fattura iżda l-aħħar pagament magħmul mill-appellata.

11. Qabelxejn din il-Qorti ser tittratta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li qiegħda tressaq l-appellata permezz tar-risposta tal-appell tagħha. Skont is-subartikolu 732(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jitressqu wkoll fl-istadju tal-appell, iżda kif dejjem irritenew il-Qrati tagħna, dan jista' jsir biss b'mod formali permezz tal-preżentata ta' nota ta' eċċezzjonijiet li għandha tiġi notifikata lill-parti l-oħra li jkollha l-opportunità li tirribattiha billi tressaq il-provi tagħha.[1] Għalhekk mhux permissibbli li l-appellata tressaq l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni fir-risposta tal-appell tagħha, li saħansitra lanqas tirriżulta li ġiet notifikata lis-soċjetà appellanta.

12. Dwar dak li qiegħda wkoll tippretendi l-appellata fir-rigward tan-nullità tar-rikors tal-appell ġaladarba s-soċjetà appellanta ma ddikjaratx liema kien il-provvediment tal-liġi li fuqu kienet qiegħda tistrieħ għall-preżentata tal-appell odjern, din il-Qorti tagħraf li l-appell tas-soċjetà appellanta huwa kollu kemm hu msejjes fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni kif ġiet deċiża mit-Tribunal. Għandu jingħad hawnhekk li t-Tribunal bl-ebda mod ma jista' jiġi kkunsidrat li ddeċieda l-mertu finalment, iżda għandu jingħad ukoll ma setax jiskarta l-kwistjonijiet kollha li jolqtu l-mertu u jiddeċiedi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni indipendentement. Bl-istess mod, is-soċjetà appellanta ma setgħetx tressaq l-appell tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni tat-Tribunal dwar it-terminu preskrittiv, mingħajr ma tagħmel riferiment għall-fatti rilevanti għall-kwistjoni.

[1] Ara App. 1235/03, Emanuel u Antoinette konjuġi Abela u b'digriet tal-20 ta' Mejju, 2008, l-atti ġew trasfużi f'isem Antoinette Abela stante il-mewt ta' Emanuel Abela fil-mori tal-appell, 03.10.03.

13. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, din il-Qorti ma taqbilx magħha fejn din qiegħda ssostni li l-appellata marret oltre dak li huwa rikjest minnha mill-artikolu 2160 tal-Kap. 16, jiġifieri li tixhed li d-dejn mhux dovut jew li ma tiftakarx jekk id-dejn kienx ġie mħallas minnha. Fl-*affidavit* tagħha l-appellata tiddikjara b'mod ċar u inekwivoku li:

> *"... no amount whatsoever is due from my end, and this irrespective of the fact that I believe that any claim GO may have against me is now time-barred. I maintain that I am not a debtor of the plaintiff since I had paid, as the statement exhibited by GO attests, all amounts due whilst I was a customer of GO (until August 2011) and no further amounts after that date are due since i was no longer making use of GO's services."*

14. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-appellata permezz tal-*affidavit* tagħha *"...ammettiet li ebda ħlas ma sar wara Awissu 2011, u dunque li l-kontijiet tas-soċjetà appellanta ma ġewx saldati...",* iżda din mhijiex riflessjoni fidila ta' dak li qalet l-appellata. Din il-Qorti tagħraf li bl-ebda mod l-imsemmija appellata aċċettat li kien hemm dejn dovut lis-soċjetà appellanta li kien baqa' pendenti, iżda għall-kuntrarju l-appellata ddikjarat li ma kien hemm <u>l-ebda dejn dovut għaliex ma kinitx baqgħet klijenta tagħha</u>. Dan kollu l-Qorti tqies li jinkwadra ruħu f'dak li hu rikjest mill-artikolu 2160 tal-Kap. 16.

15. Is-soċjetà appellanta tissottometti wkoll li mix-xhieda li hija pproduċiet quddiem it-Tribunal, u hawn tagħmel riferiment partikolari għax-xhieda mogħtija minn Christian Fenech waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju, 2018, jirriżulta li l-appellata kienet baqgħet tagħmel użu mis-servizz li hija stess għażlet li żżomm attiv sabiex ma tinkorrix penali għat-terminazzjoni tas-servizz. Iżda mingħajr ma hawn tidħol fil-mertu, din il-Qorti tosserva li kuntrarjament għal

dak li qiegħda ssostni s-soċjetà appellanta, kif ser jintwera aktar ’l isfel, m’hemm l-ebda prova li turi li l-appellata baqgħet klijenta tagħha.

16. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhux ġustifikat u b’hekk qiegħda tiċħdu.

17. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex jikkunsidra t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta fejn qiegħda tilmenta mill-fatt li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra dak dovut mill-appellata għall-perijodu bejn id-19 ta’ Awwissu, 2011, u l-1 ta’ Awwissu, 2014. Flimkien mat-talba tagħha s-soċjetà appellanta ppreżentat rendikont ta’ dak li allegatament huwa dovut mill-appellata, u l-perijodu li jkopri dan ir-rendikont jibda fl-1 ta’ Awwissu, 2010, u jispiċċa fid-19 ta’ April, 2014. It-Tribunal fis-sentenza appellata filwaqt li ddeċieda l-eċċeżżjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-appellata, ikkunsidra *“illi l-kontijiet jirrigwardaw il-perijodu mill-01 ta’ Awwissu, 2010 sas-17 ta’ Awwissu, 2011”* u għalhekk is-soċjetà appellanta għandha raġun tgħid li t-Tribunal ma kkunsidrax il-prospett kollu esebit minnha, saħansitra ma kkunsidra l-ebda parti mill-ammont pretiż.

18. Madankollu t-Tribunal għaraf sew li a tenur tal-artikolu 2137 tal-Kap. 16, il-perijodu ta’ preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha l-azzjoni tal-kreditur tista’ tiġi eżerċitata, iżda mbaghad ikkunsidra d-data tas-17 ta’ Awwissu, 2011, bħala d-data rilevanti. Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan. Id-data rilevanti għandha tkun dik tad-data tal-fattura, u jekk il-kreditur ikun ippreżenta lid-debitur tiegħu b’diversi fatturi li ma jkunux għall-istess ħaga, għandha tittieħed inkonsiderazzjoni d-data ta’ kull fattura li għalhekk għandu jkollha perijodu ta’ preskrizzjoni rilevanti biss għaliha. Hekk għandu jkun ukoll

fil-każ odjern, stante d-diversi fatturi li nħarġu mis-soċjetà appellanta lill-appellata fl-indirizz fejn aktar tard ġiet notifikata t-talba tagħha.

19. Din it-talba ġiet ippreżentata fis-26 ta' Ottubru, 2016, u għalhekk ma tistax tiġi eċċepita l-preskrizzjoni fir-rigward ta' dawk il-fatturi li ntbagħtu lill-appellata fis-26 ta' Ottubru, 2011, u sussegwentement. Hawnhekk il-Qorti tgħid li hija proprju l-appellata li esebiet fl-atti kopja tal-fatturi, filwaqt li s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda prova fir-rigward, anki permezz tax-xhieda tagħha. Iżda ġaladarba ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li dawn inħarġu lill-appellata u b'xi mod ġew a konoxxjenza tagħha, din il-Qorti ser tikkunsidra li dawk b'data wara s-26 ta' Ottubru, 2011, mhumiex milquta bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

20. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat limitatament għal dan il-perijodu li jibda fis-26 ta' Ottubru, 2011, sal-1 ta' Awwissu, 2014.

21. Fid-dawl tal-fatt li t-Tribunal iddeċieda li jilqa' din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-ammonti kollha pretiżi, u għalhekk, kuntrarjament għal dak li qed tippretendi l-appellata, it-Tribunal ma għamel l-ebda indaġini dwar il-mertu, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-mertu skont kif rikjest minnha fiċ-ċirkostanzi mis-subartikolu 8(4) tal-Kap. 380.

22. Tibda billi tosserva li x-xhud Christian Fenech, prodott mis-soċjetà appellanta, waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju, 2018, xehed li l-oriġinali tat-

*termination forms*[2] *"disgħa u disgħin fil-mija intremew u xreddjati dawn għax ilhom minn 2011".* Għalhekk ġaladarba l-appellata għal darb'oħra ma kkontestatx il-kontenut ta' dawn id-dokumenti, il-Qorti ser tistrieħ fuqhom bħala prova tal-intenzjoni taż-żewġ partijiet. Paul Gatt li kellu l-kariga ta' c*redit control officer* fi ħdan is-soċjetà appellanta, waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2018, xehed[3] li l-imsemmija soċjetà appellanta ma kellhiex fil-pussess tagħha *itemised bills* fir-rigward tal-kontijiet li allegatament ma kinux tħallsu mill-appellata. Dan filwaqt li rrikonoxxa li fl-applikazzjoni għas-servizz[4] kien ġie indikat li l-appellata kienet talbet li tingħata *itemised bill* matul iż-żmien li kienet ser tirċievi s-servizz. L-istess xhud spjega[5] li l-appellata setgħet aktar tard iddeċidiet li tirrevoka l-ordni tagħha għal *itemised bill,* iżda din il-Qorti ma ssib xejn li juri li l-appellata hekk fil-fatt għamlet. Il-Qorti tieħu wkoll inkonsiderazzjoni dak li qal[6] ix-xhud aktar tard quddiem it-Tribunal, jiġifieri li l-*itemised bills* inkwistjoni ma kinux jeżistu, b'dana wkoll li l-kontijiet kienu jinżammu mis-soċjetà appellanta sa sena biss.

23. Għalhekk din il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta naqset milli tipprova dak li qed tallega fit-talba tagħha, jiġifieri li l-appellata hija debitriċi tagħha fis-somma ta' €815.81 rappreżentanti drittijiet tagħha għal servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni reżi lilha fuq il-kont numru AC50922955, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-appellata.

---

[2] Kopja a *fol.* 61 sa 63.
[3] A *fol.* 92.
[4] Kopja a *fol.* 7.
[5] A *fol.* 92 *tergo.*
[6] A *fol.* 93.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjeà appellanta billi tilqgħu limitatament kif ingħad, filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha, tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellanta, tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-appellata, tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-appellata, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni mill-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-appellata.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu inkwantu għal żewġ terzi mis-soċjetà appellanta u inkwantu għal terz mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**